



Dokument ta' sessjoni

A8-0054/2019

30.1.2019

RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri
tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra
(COM(2018)0194 – C8-0000/0000 – 2018/0095(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: David Martin

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (1-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (COM(2018)0194 – C8-0000/0000 – 2018/0095(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07979/2018),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra (07980/2018),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0447/2018),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Mejju 2017¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu ta'...² dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0054/2019),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Singapore.

¹ Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, 2/15, ECLI:EU:C:2017:376.

² Testi adottati, P8_TA(0000)0000.

NOTA SPJEGATTIVA

Fl-2014, fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-UE rigward l-investment dirett barrani, inkluża l-protezzjoni tal-investment miksuba bit-Trattat ta' Lisbona, l-UE u Singapore qablu dwar dispożizzjonijiet marbuta mal-protezzjoni tal-investment u inkludewhom fil-ftehim bilaterali ta' kummerç ħieles li beda s-sena preċedenti. Fl-2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li titlob l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar il-kompetenza tal-UE biex tiffirma u tikkonkludi l-ftehim ta' kummerç ħieles waħidha jew jekk kinitx meħtieġa l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri. L-opinjoni ingħatat fis-16 ta' Mejju 2017 u, abbażi tagħha, wara diskussjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-UE dwar l-arkitettura l-ġdida tal-ftehimiet ta' kummerç ħieles futuri, il-ftehim inqasam fi ftehim kummerċjali ħieles li jikkonċerna biss lill-UE u ftehim imħallat ta' protezzjoni tal-investment.

Barra minn hekk, wara li l-UE adottat l-approċċ il-ġdid tagħha dwar il-protezzjoni tal-investment u l-mekkaniżmu ta' infurzar (Sistema ta' Qorti tal-Investment) kif rifless fil-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada (CETA), Singapore qabel li jirrieżamina d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment innegożjati fl-2014 u għaldaqstant li jerġa' jinfetaħ ftehim magħluq.

L-elementi ewlenin ta' dan il-ftehim dwar il-protezzjoni tal-investment (IPA) jinkludu:

- Standards ta' trattament ġust u ekwu u dispożizzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni;
- Regoli dwar l-esproprijazzjoni diretta u indiretta;
- Tribunal tal-Investment tal-Prim'Istanza permanenti u Tribunal tal-Appell magħmul minn membri maħtura mill-Partijiet;
- Il-membri tat-Tribunali jeħtiġilhom juru għarfien espert fid-dritt internazzjonali pubbliku u jkollhom il-kwalifiki meħtieġa mill-pajjiżi rispettivi tagħhom għall-ħatra f'karigi ġudizzjarji, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma wkoll soġġetti għal regoli stretti ta' indipendenza, integrità u mġiba etika permezz ta' kodiċi ta' kondotta vinkolanti inkluż fil-ftehim;
- It-trasparenza tal-proċedimenti hija żgurata permezz tal-pubblikazzjoni tad-dokumenti u s-seduti huma miftuħa għall-pubbliku;
- Id-dritt li jiġi regolat l-artikolu li jissalvagwardja d-dritt tal-Partijiet li jieħdu miżuri biex isegwu objettivi leġittimi ta' politika pubblika bħas-saħħa pubblika u l-protezzjoni ambjentali; dan għandu jillimita l-effett ta' diżinċentiv fil-qasam regulatorju;
- Projbizzjoni ta' proċedimenti paralleli jew multipli;
- Dispożizzjonijiet kontra abbużi tas-sistema bħal regoli għall-prevenzjoni ta' pretensjonijiet frodulenti jew manipulattivi;
- Impenn mill-Partijiet biex isegwu l-istabbiliment ta' qorti multilaterali tal-investment;

Il-ftehim imur lil hinn mid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment fis-CETA, peress li huwa jinkludi Tribunal tal-Appell li jiffunzjona bis-sħiħ, kodiċi ta' kondotta għall-membri tat-Tribunali diġà inkorporat fit-test u jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' ex imħallfin.

L-elementi l-ġodda jirriflettu d-dikjarazzjoni 36 tal-Kummissjoni u l-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-investment u s-Sistema ta' Qorti tal-Investment fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar tas-CETA u ddaħħlet fil-minuti tal-Kunsill f'dik l-okkażjoni (ĠU L 11, Vol. 60, 14 ta' Jannar 2017).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li dan il-ftehim se jissostitwixxi t-trattati bilaterali ta' investment eżistenti bejn 13-il Stat Membru tal-UE u Singapore. Dawn it-trattati huma bbażati fuq dispożizzjonijiet skaduti dwar il-protezzjoni tal-investment u jinkludu s-sistema kontroversjali tas-soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati (ISDS).

Madankollu, sfortunatament, il-ftehim għad ma għandux dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-investituri. Ir-Rapporteur iqis li, jekk min-naħa waħda, l-iżgurar tal-protezzjoni tal-investituri tagħna fpajjiżi terzi hija leġittima, min-naħa l-oħra, l-UE għandha tiżgura wkoll li ftehimiet ta' protezzjoni tal-investment jinkludu standards vinkolanti dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva u obbligi aktar ġenerali f'termini ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħa l-oħra			
Referenzi	07979/2018 – C8-0447/2018 – COM(2018)0194 – 2018/0095(NLE)			
Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni	19.10.2018			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 22.10.2018			
Rapporteurs Data tal-ħatra	David Martin 16.5.2018			
Eżami fil-kumitat	4.12.2017	10.7.2018	5.11.2018	3.12.2018
Data tal-adozzjoni	24.1.2019			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	26 11 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, David Campbell Bannerman, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Yannick Jadot, France Jamet, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Emmanuel Maurel, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, William (The Earl of) Dartmouth, Jan Zahradil			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Syed Kamall, Frédérique Ries, Fernando Ruas, Paul Rübig, Pedro Silva Pereira, Ramon Tremosa i Balcells, Jarosław Wałęsa			
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	José Blanco López, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Jozo Radoš, Kārlis Šadurskis, Jasenko Selimovic, Mihai Țurcanu, Anna Záborská			
Data tat-tressiq	30.1.2019			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

26	+
ALDE	Jozo Radoš, Frédérique Ries, Jasenko Selimovic, Ramon Tremosa i Balcells
ECR	David Campbell Bannerman, Syed Kamall, Joachim Starbatty, Jan Zahradil
EFDD	William (The Earl of) Dartmouth
PPE	Salvatore Cicu, Santiago Fisas Aixelà, Christophe Hansen, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Sorin Moisă, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Fernando Ruas, Paul Rübig, Kārlis Šadurskis, Adam Szejnfeld, Mihai Țurcanu, Jarosław Wałęsa, Anna Záborská
S&D	José Blanco López, Bernd Lange, David Martin, Pedro Silva Pereira

11	-
ENF	France Jamet
GUE/NGL	Eleonora Forenza, Emmanuel Maurel, Anne-Marie Mineur, Helmut Scholz
S&D	Maria Arena, Karoline Graswander-Hainz, Jude Kirton-Darling, Joachim Schuster
VERTS/ALE	Heidi Hautala, Yannick Jadot

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni